MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Rikors Numru. 598/2010

AIC Joseph Barbara, Josephine Azzopardi *proprio* kif ukoll bhala prokuratrici tal-imsiefra Anna Maria Saddemi, Patrizia Anastasi u Greta Bartolo Parnis
vs
Nathalie Scicluna

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta’ Nathalie Scicluna li bih esponiet:

Illi l-Mandat fuq referit huwa vessatorju. Illi l-kwistjoni hija dwar kawza li jekk Nathalie Scicluna ghandhiex titolu ta’ *flat* illi qabel kien b’cens imbaghad waqa’ b’kera. Il-kawza relattiva tinsab mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-istess ismijiet presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Lino Farrugia Sacco. Illi maghha ghamlu rikors guramentat iehor ghad-danni quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Dr. Lino Farrugia Sacco.

Illi quddiem l-Imhallef Farrugia Sacco kienu ghamlu wkoll Mandat ta' Inibizzjoni biex ma tbieghx il-karozza.

Illi Nathalie Scicluna tenut kont anke tal-*cost of living* tal-lum ghandha bzonn is-salarju taghha, tenut kont ukoll li hija mara separata, u ma ghandha l-ebda manteniment minghand ir-ragel.

Illi l-kawza ghad-danni qeghda fil-fatt parkeggjata tistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra fil-mertu.

Illi dawn il-mandati kollha saru unikament u bi skop wiehed biex jipprovaw jilwu id l-intimata fil-kawza fil-mertu.

Illi din il-Qorti ghandha d-dritt u l-jedd illi timponi garanzija ghad-danni favur Nathalie Scicluna kemm-il darba thalli l-mandat fis-sehh.

Nathalie Scicluna talbet lill-Qorti:
(a) tirrevoka l-mandat 110/09 fl-ismijiet hawn fuq indikati u
(b) in sub-ordine kemm-il darba thalli l-istess mandat, illi timponi fuq ir-rikorrenti l-obbligu tal-garanzija b'depozitu ghad-danni favur Nathalie Scicluna.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta tal-intimati li biha esponew:

Illi jibda sabiex jinghad illi r-revoka ta' mandat u l-konsegwenti hrug tal-kontro-mandat jista' jintalab esklussivament b'referenza ghal dak prospettat mill-art. 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-kaz in ezami Nathalie Scicluna tilmenta li l-mandat surreferit "huwa vessatorju", li l-mandat ta' inibizzjoni numru 2106/09 gie diga` michud mill-Qorti u li "tenut kont anke tal-*cost of living* tal-lum [l-intimati] ghandhom bzonn is-salarju taghhom".

Illi bir-rispett dovut il-vessatorjeta` tal-mandat surreferit ma tirrizulta bl-ebda mod pruvata anzi huwa l-istess rikors ta' Nathalie Scicluna li jindika proprju l-htiega ta' tali mandat. Fuq ammissjoni taghha stess hija iddikjarat illi zammet il-

fond '*de quo'* semplicement ghax "rajt hafna mill-hbieb tieghi li ghamlu l-izball illi ma zammewx id-dar taghhom u jiena jidhirli li d-dar tieghi ghandha tibqa' d-dar tieghi irrispettivament minn fejn wara nkun". Cio` nostante Nathalie Scicluna ghadha sal-lum qed tirrifjuta li tirritorna l-pussess ta' l-istess appartament lill-Familja Barbara bhala s-sidien u b'hekk ghadu sal-lum qed jigi rekat lilhom dannu ingenti bhala rizultat tal-okkupazzjoni abbuziva taghha. Huwa proprju dan id-dannu li l-Familja Barbara jehtiegu li jigi kawtelat. Ma jidhirx illi Nathalie Scicluna ghandha xi mezzi ampji ta' ghijxien – dan fuq kollox tammettieh hi stess fir-rikors taghha – u kwindi tezisti necessita` attwali u legittima ghall-hrug tal-mandat odjern.

Illi Nathalie Scicluna tilmenta li tehtieg il-paga taghha peress illi m'ghandha ebda manteniment da parti ta' zewgha pero` l-bzonn tas-salarju ma jikkostitwixxix raguni valida a tenur tal-art. 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Lanqas ma jirrizulta li s'issa giet depozitata xi paga jew parti minnha da parti tal-imghallmin ta' Nathalie Scicluna. Fi kwalunkwe kaz l-art 382 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ghandu jikkostitwixxi protezzjoni sufficjenti ghall-bzonnijiet taghha.

Illi b'referenza ghat-talba ghal ordni ta' garanzija ghad-danni jirrizulta li din tista' tinghata biss a tenur tal-art. 838A meta tintwera "kawza gusta". Ma tinghata l-ebda kawza gusta ghal dan fir-rikors ta' Nathalie Scicluna u lanqas ma tezisti l-ebda ruguni li tista' b'xi mod tiggustifika l-ordni ghal tali garanzija.

Ghaldaqstant it-talba ta' Nathalie Scicluna ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru surreferit ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Nathalie Scicluna fejn fih semmiet li ghandha qligh gross fis-sena ta' €15,653 u wara li tinqata' t-taxxa u l-bolla ta' 10% ikollha €12,889.70 li jgibu cirka €1,074 kull xahar. Ikkalkulat l-ispejjez li taghmel fix-xahar fosthom ikel, kontijiet, trasport, *insurance*, kera u spejjez ohra varji li jammontaw ghal cirka €950 kull xahar. Qalet li hi mara separata u m'ghandiex manteniment mir-ragel.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-Qorti tibda billi tikkwota l-artikolu tal-Kodici ta' Procedura Civili hawn taht:

"382. (1) Fil-kaz ta' salarju, paga, beneficcju, pensjoni jew *allowance* imsemmija fl-artikoli 381(1)(*a*) u (*b*), hlief ghal kull
beneficcju, pensjoni, *allowance* jew ghajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Socjali, meta dawk jeccedu sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli ghall-gustizzja jista' minn zmien ghal zmien b'ordni jistabbilixxi, il-hrug ta' mandat ta' sekwestru jkun jghodd fuq dik il-parti li teccedi l-ammont imsemmi qabel:

Izda jekk id-debitur jaghmel rikors li fih juri ghas-sodisfazzjon tal-qorti li huwa jkollu bzonn dak l-eccess jew parti minnu ghall-manteniment tieghu jew ghall-manteniment tal-familja tieghu, il-qorti ghandha thassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eccess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat ghandu jitqies li jkun u li kien minghajr effett sa fejn ikun gie revokat:

Izda wkoll dan l-artikolu ma jghoddx ghas-salarju ta' ufficjal jew ragel fil-forza regolari ta' Malta."

Illi l-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami ghandu jigi applikat l-artikolu 382(1) [hlief kif sejra tikkwalifika dwar l-aspett tal-gholi tal-hajja] b'mod li sekwestru ma jkunx applikabbli ghall-paga sal-ammont ta' €698.81 izda

ghandu jkun applikabbli ghall-ammont li jissupera dan l-ammont. Il-ligi tipprovdi ghall-poter lill-Qorti jekk jidhrilha li ghandha tikkwalifika anke l-parti rimanenti, izda l-Qorti ma thossx li ghandha taghmel dan kapriccozament. Elementi bhal bolla u taxxa gja gew kunsidrati mil-Legislatur meta ghamel l-artikolu tal-ligi in kwistjoni. Altrimenti wiehed jasal sal-punt li l-artikolu in kwistjoni jigi rez ineffikaci. L-artikolu in kwistjoni jipprovdi poteri li l-Ministru jista’ jzid b’ordni, izda ma harget ebda ordni f’dan ir-rigward.

Huwa interessanti l-argument migjub dwar l-gholi tal-hajja fejn fl-1995 l-indici kien ta’ 536.61 u sas-sena 2009 tela’ 758.58, izda dan ma jfissirx li l-ammont imsemmi fl-artikolu 382 ghandu jigi modifikat bl-istess ammont. Fil-kaz in ezami l-Qorti thoss li l-ammont ghandu jigi iffissat minnha fl-ammont ta’ €800 fix-xahar wara li qieset il-bzonnijiet ta’ Nathalie Scicluna. Ghalhekk il-mandat ghandu jibqa’ japplika ghall-ammont in eccess ta’ €800 fix-xahar.

Dwar it-talba ghall-garanzija, depozitu ghad-danni favur Nathalie Scicluna, il-Qorti tilqa’ din l-istess talba ghall-ammont ta’ €6,000 li ghandu jigi depozitat il-Qorti fi zmien xahar mil-lum biex il-Familja Barbara zzomm haj il-Mandat ta’ Sekwestru, dejjem a tenur ta’ l-artikolu 838A tal-Kap 12.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------